

## AVVIŻ TA' POŻIZZJONI VAKANTI

L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), "l-Uffiċċju", qiegħed ifittex kandidati biex jimlew il-kariga ta' President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju.

Titolu tal-impjeg	<b>PRESIDENT TAL-BORD TAL-APPELL</b>
Grupp ta' funzjonijiet/grad	AD 13
Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju
Referenza	EXT/20/81/AD13/BOA_Chairperson
Data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet	<b>7 ta' Jannar 2021 nofsillejl ħin ta' Alicante (CET)</b>
Post tal-impjeg	Alicante, SPANJA
Data prevista għal għall-bidu tal-kariga	Mill-1 ta' Novembru 2021

### 1. SFOND

#### Sfond storiku u legali

L-Uffiċċju ġie stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 (issa r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea ("EUTMR") bħala aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni Ewropea ("UE") biex toffri protezzjoni għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali lin-negozji u lill-innovaturi fl-UE kollha u lil hinn minnha. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 ħoloq id-disinn Komunitarju rreġistrat li huwa ġestit ukoll mill-Uffiċċju, u aktar tard, ir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2012 inkariga lill-Uffiċċju bl-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali.

Sa mill-istabbiliment tiegħu fl-1994 l-Uffiċċju kien ibbażat f'Alicante, Spanja, fejn jiġġestixxi r-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE u d-disinn Komunitarju rreġistrat, li huma validi fl-UE kollha. Ix-xogħol fil-livell tal-UE jestendi wkoll għall-konverġenza tal-għodda u l-prattiki f'kooperazzjoni mas-sħab f'uffiċċji tal-proprjetà intellettwali nazzjonali u reġjonali fl-UE kollha, l-utenti u sħab istituzzjonali oħrajn. Flimkien, dawn l-uffiċċji jikkostitwixxu n-Network tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPN), hekk kif jaħdmu flimkien biex joffru lill-utenti esperjenza ta' reġistrazzjoni konsistenti, kemm nazzjonali kif ukoll f'livell tal-UE.

Il-lingwi tal-Uffiċċju huma l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan u l-Ispanjol. Madankollu, ċerti proċeduri jistgħu jsiru b'lingwi ufficiali oħra tal-Unjoni Ewropea.

#### Governanza, ġestjoni u struttura tal-EUIPO

L-istruttura tal-governanza tal-EUIPO tikkonsisti mill-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-Baġit, li kull wieħed minnhom huwa magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant mill-Parlament Ewropew. L-EUIPO jgawdi awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja.

Il-Kunsill jiddeċiedi dwar il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv, id-Deputat(i) Direttur(i) Eżekuttiv(i), u l-President u l-Persuni li Jippresiedu l-Bordijiet tal-Appell mil-lista tal-kandidati proposti mill-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija huwa responsabbli mill-għażla u l-ħatra tal-membri tal-Bordijiet tal-Appell.

Id-Direttur Eżekuttiv huwa r-rappreżentant legali tal-Uffiċċju u huwa responsabbli mill-ġestjoni tiegħu, filwaqt li jkun responsabbli lejn il-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-Baġit. Id-Direttur Eżekuttiv huwa meġġun minn Deputat Direttur Eżekuttiv wieħed jew aktar.

Il-baġit tal-Uffiċċju għall-2020 huwa ta' madwar EUR 464 miljun u n-numru tal-karigi fil-pjan ta' stabbiliment huwa 925.

L-EUIPO huwa organizzat f'diversi dipartimenti funzjonali, b'kull wieħed minnhom jirrapporta għand id-Direttur Eżekuttiv u/jew għand id-Deputat Direttur Eżekuttiv.

Għalkemm huma integrati fis-sistemi amministrattivi u maniġerjali tal-Uffiċċju, il-Bordijiet tal-Appell ġew stabbiliti skont l-EUTMR bħala unità separata fi ħdan l-Uffiċċju sabiex jipprovdu rieżami indipendenti tad-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju, u b'hekk aktar appelli jkunu possibbli fil-Qrati tal-UE fil-Lussemburgu.

Il-Bordijiet tal-Appell bħalissa jikkonsistu minn President wieħed, erba' persuni li jippresiedu u ħmistax-il membru meġġunin minn persunal ġuridiku u amministrattiv. Il-President tal-Bordijiet tal-Appell, il-Presidenti u l-membri jitqiegħdu taħt l-awtorità tal-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju. Aktar minn 100 membru tal-persunal jaħdmu fil-Bordijiet tal-Appell, inkluż ir-Reġistru, is-Servizz ta' Appoġġ, tal-Għarfien u tal-Infommazzjoni u s-Servizz ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim.

Fl-2019, ġew ippreżentati 2 988 appell u nħarġu 2 507 deċiżjonijiet. Il-President tal-Bordijiet tal-Appell jippresiedi l-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell, li hu responsabbli biex jistabbilixxi r-regoli u jorganizza x-xogħol tal-Bordijiet, jimplementa d-deċiżjonijiet tiegħu u jalloka l-każijiet lill-Bord. Kull Bord tal-Appell jiġi presedut minn President. Il-President tal-Bordijiet tal-Appell jippresiedi wkoll il-Bord Suprem.

*Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web li ġej:*

<https://euipo.europa.eu/ohimportal/mt/home>

## 2. DMIRIJET

President tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO ser ikun mistenni li:

- Jiddeċiedi dwar numru kbir ta' każijiet f'limiti raġonevoli u b'responsabbiltà kondiviża, skont l-oġettivi definiti mill-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell;
- Jindirizza madwar 650 abbozz ta' deċiżjoni kull sena u jagħti direzzjoni lill-Bord sabiex jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' każistika konsistenti u jaħdem b'mod effiċjenti fuq id-deċiżjoni tal-kawżi li jitressqu quddiem il-Bordijiet;
- Jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-Bord Suprem u l-Presidju tal-Bordijiet tal-Appell responsabbli mill-istabbiliment tar-regoli u l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Bordijiet;
- Jiddeċiedi li jagħti każijiet speċifiċi allokatu lill-Bord lill-membri tiegħu.
- Jiddetermina l-kompożizzjoni tal-Bord għal kull appell u jaħtar membru tal-Bord tiegħu/tagħha, jew lilu nnifsu/lilha nnfisha, bħala rapporteur;
- Jiġġestixxi x-xogħol ta' kuljum tal-Bord f'kooperazzjoni ma' u taħt is-superviżjoni tal-President tal-Bordijiet tal-Appell;

Sabiex twettaq il-kompiti tagħha, il-persuna li tippresiedi tiġi meġġjuna minn assistenti legali u minn persunal amministrattiv.

Il-President tal-Bordijiet tal-Appell u l-persuni li jippresjedu u l-membri tal-Bordijiet tal- Appell għandhom ikunu indipendenti. Fid-deċiżjonijiet tagħhom, dawn ma għandhomx ikunu marbuta minn kwalunkwe struzzjoni.

### 3. KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ

Sabiex il-kandidati jkunu ammissibbli għal din il-proċedura tal-għażla, dawn għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin sa mhux aktar tard mid-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

#### Kundizzjonijiet ġenerali<sup>1</sup>

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jgawdu d-drittijiet sħaħ bħala ċittadini;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet li jikkonċernaw is-servizz militari;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti<sup>2</sup> tal-karattru dwar l-adegwatezza għat-twettiq tad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament b'saħħithom sabiex iwettqu d-dmirijiet;
- Ikunu jistgħu jtemmu mandat sħiħ ta' 5 snin mid-data mistennija għall-bidu tal-qadi tad-dmirijiet, qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar li hija fl-aħħar tax-xahar li fih il-kandidat jagħlaq 66 sena<sup>3</sup>. Id-data għall-bidu tal-qadi tad-dmirijiet mistennija tkun l-1 ta' Novembru 2021.

#### Edukazzjoni

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun erba' snin jew iktar;

JEW

- Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin;

#### Esperjenza professjonali<sup>4</sup>

Ikollhom sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet **minimu ta' 15-il sena esperjenza professjonali** (16-il sena kemm-il darba jkollhom lawrja ta' tliet snin), miksuba wara d-data tal-lawrja rilevanti.

Mill-inqas għaxra minn dawk il-15-il sena esperjenza professjonali għandhom ikunu inkisbu fil-qasam tal-proprjetà intellettuali, li mill-inqas 5 snin minnhom għandhom ikunu fil-qasam tat-trademarks u/jew tad-disinji.

#### Filiet lingwistiċi

- Ikollhom għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (livell minimu C1) – Lingwa 1
- Ikollhom għarfien sodisfaċenti ta' waħda mil-lingwi tal-Uffiċċju (livell minimu B2) sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet - Lingwa 2<sup>5</sup>

<sup>1</sup> Jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 12 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS)

<sup>2</sup> B'mod partikolari, il-kandidat ma jistax ikollu kundanna jew ikun nstab ħati ta' reat kriminali

<sup>3</sup> B'konformità mal-Artikolu 47(a) tas-CEOS

<sup>4</sup> L-esperjenza professjonali tingħadd mid-data tal-kisba tad-diploma rilevanti li tagħti aċċess għall-grupp ta' funzjoni

<sup>5</sup> Jeħtieġ li l-lingwa 1 u l-lingwa 2 ikunu differenti.

Il-ħames lingwi tal-Uffiċċju huma l-Ingliż (EN), il-Franċiż (FR), il-Ġermaniż (DE), it-Taljan (IT) u l-Ispanjol (ES). Il-livelli indikati jikkorrispondu għall-[Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi](#).

#### 4. KRITERJI TAL-GĦAŻLA/ VANTAĠĠI

Sabiex jintgħażlu l-kandidati l-aktar ikkwalifikati għall-intervista, ser jintużaw il-kriterji li ġejjin:

- a) Esperjenza maniġerjali, u b'mod partikolari:
  - Il-kapaċità li tmexxi tim ta' kollaboraturi
- b) Għarfien tekniku u/jew esperjenza teknika, u b'mod partikolari:
  - Fl-indirizzar ta' każijiet legali jew attivitajiet ekwivalenti, b'mod partikolari fil-kuntest ta' fajls tal-proprjetà intellettuali, u notevolment, trademarks u disinjati tal-UE;
  - f'oqsma ġudizzjarji u/jew ta' tilwim, kif ukoll il-preparazzjoni u/jew is-segwitu ta' kawżi fil-qorti
  - ta' medjazzjoni u/jew ta' arbitraġġ;
  - tal-leġiżlazzjoni tal-proprjetà intellettuali u l-każistika, b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trademarks u d-disinjati;
  - tal-ambjent Ewropew tal-proprjetà intellettuali, inkluż kwistjonijiet ta' falsifikazzjoni u ksur;
  - fit-tweġġ ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni esterni u tekniċi b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettuali, pereżempju l-indirizzar ta' konferenzi, taħriġ u seminars;
- c) Lingwi:
  - Esperjenza professjonali ta' ħidma f'lingwa li mhijiex il-lingwa materna tal-kandidat;
  - Għarfien profond ta' kwalunkwe lingwa oħra tal-Uffiċċju (FR, DE, IT, ES) (livell minimu C1) barra l-lingwi msemmija taħt il-punt 3 tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti; Il-Ġermaniż ikun ta' vantaġġ;
- d) Esperjenza oħra u għarfien ieħor, b'mod partikolari
  - Ambjent ta' xogħol: turija tal-kapaċità li jaħdem f'ambjent multikulturali u/jew internazzjonali
- e) Edukazzjoni:
  - Kwalifika legali (lawrja universitarja fil-liġi jew wara l-gradwazzjoni, bħall-LLM jew ekwivalenti);
  - Lawrja fil-liġi, l-ekonomija, ix-xjenzi soċjali, il-ġestjoni tar-riżorsi umani li tkun inkisbet wara l-gradwazzjoni jew xi lawrja oħra simili;

Minbarra l-kriterji ta' hawn fuq, il-kandidati mistiedna għall-intervista ser jiġu vvalutati wkoll għar-rekwiżiti li ġejjin:

- f) Kompetenzi, b'mod partikolari:
  - Komunikazzjoni: Jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż kemm oralment kif ukoll bil-miktub, u jilħqu kunsens biex jiksibu r-riżultati;
  - Analiżi u soluzzjoni tal-problemi: Li jidentifikaw fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
  - Ħidma mal-oħrajn: Jaħdmu b'mod kooperattiv mal-oħrajn f'timijiet u tul konfini organizzattivi u jirrispettaw id-differenzi bejn in-nies; joħolqu sens ta' spirtu ta' tim billi jinkoraġġixxu objettivi kondiviżi u jiskambjaw l-għarfien u l-esperjenza;
  - Tagħlim u żvilupp: Jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet personali u l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tagħha; jimpenjaw ruħhom li jħarrġu lil persuni oħrajn, jikkondividu l-għarfien u jtejbu b'mod sistematiku l-metodi ta' ħidma;

- Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni: Il-kapaċità li jipprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw l-ammont ta' xogħol tagħhom stess u tal-oħrajn b'mod effiċjenti;
- Kwalità u riżultati: Jieħdu responsabbiltà personali u inizjattiva biex iwasslu x-xogħol bi kwalità ta' standard għoli fi ftejn ta' proċeduri stabbiliti; juru orjentazzjoni ċara lejn il-konsumatur (interna u esterna); jibnu proċessi sistematiċi u metodiċi fil-proġetti u l-ħidma tagħhom u tat-tim tagħhom stess;
- Reżiljenza: Jibqgħu effettivi taħt il-pressjoni tax-xogħol, ikunu flessibbli u jadattaw għal ambjent tax-xogħol li dejjem jinbidel; iħeġġu lill-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess u jaġġustaw l-approċċ tagħhom stess u tat-tim sabiex iħaddnu ċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu;
- Tmexxija: Imexxu u jiġġestixxu n-nies u t-timijiet biex jiksbu r-riżultati.

## 5. PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

### Ġenerali

Il-proċedura tal-għażla ser titwettaq soġġetta għall-kontroll tal-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju.

### **Xogħol preliminari**

Sottokomitat Preparatorju maħtur mill-Bord tat-Tmexxija ser iwettaq evalwazzjoni preliminari tal-applikazzjonijiet u ser jagħmel intervisti lill-kandidati l-aktar ikkwalifikati. Il-kandidati ammissibbli li l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu fost l-aktar ikkwalifikati, b'konformità mal-kriterji tal-għażla dettaljati fil-punt 4, jistgħu jiġu kkuntattjati biex jivverifikaw il-ħiliet lingwistiċi tagħhom, kif ukoll biex jagħtu evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom u/jew ta' ħiliet, għarfien u kompetenzi oħra. Il-kandidati li jiġu kkuntattjati matul il-fażi ta' qabel l-għażla mhux neċessarjament ser ikunu intitolati li jiġu mistiedna għal intervista; tali kuntatt jista' jintuża bħala wieħed mill-passi fil-għażla tal-kandidati l-aktar adegwati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Is-Sottokomitat Preparatorju ser jinforma lill-kandidati dwar l-istatus tal-proċedura skont il-mandat mogħti mill-Bord tat-Tmexxija.

### **Intervista**

L-intervisti ser isiru f'Alicante jew, soġġett għal ċirkostanzi speċifiċi, b'mezzi virtwali. Il-kandidati mistiedna għall-intervista ser jiġu infurmati minn qabel sew dwar id-data u l-ħin. L-intervista ser issir f'waħda mil-lingwi tal-Uffiċċju (EN, FR, DE, IT, ES) minbarra l-lingwa materna tal-kandidat kif hu/hi indika/t fil-formola tal-applikazzjoni.

L-intervista tistessja l-għarfien u l-esperjenza tal-kandidat dwar kwistjonijiet relatati mad-dmirijiet li għandhom jitwettqu sabiex tiġi vvalutata l-adegwatezza tiegħu sabiex iwettaq il-kompiti li jridu jsiru, f'konformità mal-aspetti elenkati f'dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti.

L-applikanti jaf ikollhom jagħmlu aktar intervisti jew testijiet barra dawk indikati hawn fuq.

### **Lista tal-kandidati u l-ħatra**

Is-Sottokomitat Preparatorju ser ifassal rapport dwar ix-xogħol preparatorju għall-Bord tat-Tmexxija, li ser jiddeċiedi liema kandidati għandhom jitqiegħdu fuq il-lista li tiġi proposta lill-Kunsill, skont l-Artikolu 166 tal-EUTMR. Qabel ma jinħatra, il-kandidati magħżula mill-Bord tat-Tmexxija jistgħu jkunu mistiedna jagħmlu dikjarazzjoni quddiem kwalunkwe komitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġbu mistoqsijiet li jsirulhom mill-membri tiegħu.

## 6. KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi mañtur mill-Kunsill minn lista ta' kandidati proposti mill-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju għall-terminu ta' 5 snin. F'dan ir-rigward, jekk jogħġbok kun af li l-kandidat għandu jkun jista' jtemm l-ewwel mandat sħiħ ta' 5 snin qabel jilħaq l-età tal-irtirar, jiġifieri: it-tmiem tax-xahar li fih hu/hi jagħlaq/tagħlaq 66 sena<sup>6</sup>, mid-data li jkun ġie propost lilu/lilha u jaqbel/taqbel li jidħol/tidħol fis-servizz.

Il-kandidat/i li jintgħażel/jintgħażlu ser jiġi/jiġu offrut/i kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, fil-kategorija AD, grad 13.

Is-salarju bażiku fix-xahar attwali li jikkorrispondi għall-ewwel livell ta' dan il-grad huwa EUR 13.113,98. Hemm elementi addizzjonali tas-salarju li jirriflettu l-istat ċivili u tfal dipendenti. Barra minn hekk, jingħataw diversi konċessjonijiet għat-traslok u għall-ivvjaġġar, kif ukoll għall-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-aċċidenti u skema tal-pensjoni. Il-paga hija soġġetta għal taxxa tal-UE u tnaqqis ieħor stabbilit fis-CEOS. Madankollu hija eżentata minn kwalunkwe taxxa nazzjonali. It-tfal dipendenti jistgħu jattendu l-Iskola Ewropea f'Alicante bla ħlas.

Skont l-Artikolu 166(3) tal-EUTMR, il-mandat tal-presidenti tal-Bord tal-Appell jista' jiġi estiż għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin, jew sal-età tal-irtirar jekk din l-età tintlaħaq matul il-mandat il-ġdid, wara li tkun saret valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-prestazzjoni tiegħu/tagħha mill-Bord tat-Tmexxija, u wara konsultazzjoni mal-President tal-Bordijiet tal-Appell. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel tali valutazzjoni, qabel ma jikkunsidra li jissottometti proposta ta' estensjoni lill-Kunsill. Fl-ewwel estensjoni tal-mandat, il-President jista' jerġa' jiġi kklassifikat mill-Bord tat-Tmexxija tal-Uffiċċju, wara konsultazzjoni mal-President tal-Bordijiet tal-Appell, fil-grupp ta funzjoni AD, grad 14.

L-impjieg jintemm jew fit-tmiem tal-mandat jew fuq talba tal-kandidat mañtur, b'avviż ta' tliet xhur.

### **Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi**

Skont l-Artikolu 166 tal-EUTMR, il-Presidenti ta' Bord tal-Appell għandhom ikunu indipendenti. Huma ma għandhomx ikunu marbutin b'xi struzzjonijiet fid-deċiżjonijiet tagħhom. Il-Presidenti għandhom jiddedikaw lilhom infushom kompletament għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u ma għandhomx ikunu ggwidati minn interess personali jew nazzjonali, jew minn kwalunkwe influwenza esterna oħra ta' kwalunkwe tip. Huma ma jkunux jistgħu jitneħħew mill-kariga sakemm ma jkunx hemm raġunijiet serji għal tali tneħħija u l-Qorti tal-Ġustizzja, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 166 (1) tal-EUTMR, tiegħu deċiżjoni dwar dan.

Għaldaqstant il-President mañtur ser ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li ser jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tal-interessi li jistgħu jitqiesu li jippreġudikaw l-indipendenza tiegħu/tagħha. L-applikanti għandhom jikkonfermaw irrieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

Minħabba n-natura partikolari tal-funzjonijiet, l-applikanti mistiedna għall-intervisti ser jiġu mitluba jiffirmaw dikjarazzjoni relatata mal-interessi attwali jew futuri tagħhom li jistgħu jiġu kkunsidrati li jippreġudikaw l-indipendenza tagħhom.

<sup>6</sup> B'konformità mal-Artikolu 47(a) tas-CEOS

## 7. KIF TAPPLIKA

Il-kandidati għandhom jużaw l-formola ta' applikazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-Uffiċċju: <https://euipo.europa.eu/ohimportal/mt/vacancies>

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz ta' email, fuq l-indirizz tal-email li ġej: [MBBCSecretariat@euipo.europa.eu](mailto:MBBCSecretariat@euipo.europa.eu)

### **L-applikazzjonijiet għandhom jaslu qabel nofs-lejl h'in ta' Alicante (CET) fis-7 ta' Jannar 2021.**

Jekk jogħġbok ara, b'mod partikolari, li timla t-taqsimiet kollha tal-formola. Formola ta' applikazzjoni li ma tkunux mimlija (pereżempju, formola li jkun fiha rimarki bħal "ara s-CV jew ittra ta' motivazzjoni mehmuża") mhumiex ser jiġu kkunsidrati.

Il-kandidati li jiġu mistiedna għal intervista (ara l-punt 5 "Proċedura tal-Għażla") se jrin jintalbu wkoll jippreżentaw, qabel l-intervista, id-dokumenti ta' sostenn rilevanti fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi stabbiliti, u kwalifiki oħrajn u esperjenza ddikjarati fl-applikazzjoni tagħhom:

- Kopja ta' dokument ta' identità (bħal passaport jew karta tal-identità);
- Kopji tad-diplomi;
- Kopji taċ-ċertifikati relatati mal-esperjenza professjonali msemmija fil-punt 3.

Dokumenti oħrajn, b'mod partikolari curricula vitae, mhumiex se jiġu kkunsidrati. Għandu jiġi nnotat li kwalunkwe kwalifika jew esperjenza professjonali li ma tistax tiġi sostnuta b'evidenza dokumentata, bħal kopji ta' diplomi jew ċertifikati ta' impjeg, mhux ser tiġi kkunsidrata u dan jista' jirriżulta fir-rifjut tal-applikazzjoni.

## 8. OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-Uffiċċju japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' xorta oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

## 9. PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċedura tal-għażla, l-Uffiċċju ser jiżgura li d-*data* personali tal-applikanti tkun ipproċessata kif mitlub mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98). Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

## 10. APPELL

Jekk kandidat iqis li ntliaqat b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("Regolamenti tal-Persunal"), fl-indirizz li ġej:

EUIPO – European Union Intellectual Property Office  
Human Resources Department  
Avenida de Europa, 4, E - 03008 Alicante  
SPAIN

Hu jista' jippreżenta wkoll appell ġudizzjarju skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal lil:

General Court  
Rue du Fort Niedergrünwald  
L -2925 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Għad-dettalji dwar kif jiġi ppreżentat appell, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali: [https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2\\_7033/mt/](https://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7033/mt/)

## 11. AKTAR INFORMAZZJONI

Tista' tikseb aktar informazzjoni mingħand:

Ms. Susana PÉREZ FERRERAS  
Director of the Human Resources Department  
EUIPO – European Union Intellectual Property Office  
Office AA1-P5-A180  
Avenida de Europa 4  
E-03008 Alicante  
SPAIN  
e-mail: Susana.PEREZ@euipo.europa.eu

L-applikanti huma mfakkra li x-xogħol tas-Sottokumitat Preparatorju huwa kunfidenzjali. L-applikanti ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett ma' membri ta' dan il-kumitat u dan lanqas ma jista' jsir f'isimhom minn xi ħaddieħor.

*\*Kwalunkwe referenza f'dan l-avviż għal persuna tas-sess maskili għandha titqies li tikkostitwixxi wkoll referenza għas-sess femminili.*

*\*F'każ li jkun hemm diskrepanzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, il-verżjoni bl-Ingliż għandha titqies bħala l-verżjoni korretta.*